

# Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2024– 2026 Sommarju

## Il-missjoni tal-EUAA fil-kuntest

Aħna nipromwovu approċċ armonizzat għall-protezzjoni internazzjonali li jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' dawk li jfittxu l-ażil.

B'mod aktar konkret, aħna:

- nikkoordinaw u nsaħħu **l-kooperazzjoni** prattika u **l-iskambju** ta' informazzjoni dwar l-ażil u l-akkoljenza fost l-Istati Membri
- nipromwovu d-[dritt tal-Unjoni](#) u **standards** operazzjonali għoljin fil-qasam tal-ażil u l-akkoljenza;
- niżguraw **il-konverġenza** fl-Unjoni kollha fir-rigward tal-proċeduri għall-protezzjoni internazzjonali, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni;
- **nimmonitorjaw** l-applikazzjoni tad-dritt u tal-istandards tal-Unjoni;
- nipprovdu **assistenza operazzjonali u teknika lil Stati Membri**
- nappoġġaw lill-Istati Membri b'azzjonijiet ta' **risistemazzjoni** u **ammissjoni umanitarja**
- nassistu lill-Istati Membri fir-rigward tat-**taħriġ**
- nipprovdu **bini tal-kapaċitajiet** lil pajjiżi sħab barra mill-Unjoni Ewropea

Mill-2022, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew qablu li jsaħħu [l-mandat](#) tagħna biex nagħtu spinta lill-prospetti ta' politika komuni dwar l-ażil fl-Ewropa.



Bl-adozzjoni ta' [Patt Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni](#), ippjanat fl-2024, il-kompiti tagħna jistgħu jerġgħu jinbidlu. Dan jista' jirrikjedi rieżami tal-pjan ta' azzjoni u r-riżorsi tagħna, adottat f'Settembru 2023 mill-[Bord ta' Tmexxija](#) tagħna.

## Pjan ta' azzjoni 2024–2026

Globalment, l-għadd ta' persuni spostati fl-2022 laħaq livelli massimi storiċi. L-implikazzjonijiet ta' tali xejriet għall-kontinent Ewropew huma diffiċli biex jitkejlu u l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati (il-pajjiżi tal-UE +) huma kemm sinifikanti kif ukoll qed jevolvu.

F'kuntest ta' ażil dejjem aktar diffiċli, ser inkomplu nagħmlu enfasi fuq ir-rilevanza, il-flessibbiltà u l-effiċjenza fl-operazzjonijiet kollha tagħna.





Għad-dettall dwar l-oġettivi, l-attivitajiet ippjanati u r-riżorsi ta' akkumpanjament tagħna għall-perjodu 2024-2026, jekk jogħġbok ikkonsulta d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tagħna onlajn.



## Assistenza operazzjonali u teknika




[Katalgu](#) ta' interventi operazzjonali se jassisti konsultazzjonijiet mal-Istati Membri dwar l-appoġġ operazzjonali lis-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom.

Se niffukaw fuq aktar tishiġ tal-kapaċitajiet ta' rispons rapidu tagħha, permezz ta' skjerament imtejjeb ta' persunal, tagħmir u faċilitajiet u grupp dejjem jikber ta' esperti li jappoġġaw operazzjonijiet fuq il-post fl-Istati Membri.

Se ntejbu l-bini tal-kapaċitajiet billi nsegwu appoġġ aktar fit-tul kull meta jkun possibbli u se neliminaw gradwalment l-operazzjonijiet fejn il-persjoni fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tkun naqset.

Meta nindirizzaw il-ħtiġijiet emerġenti u kwalunkwe avveniment mhux previst, se nikonsultaw u nikkooperaw ma' atturi oħra fil-qasam biex niżguraw il-komplementarjetà u nimmassimizzaw il-valur miżjud tagħna.



Se jkompli l-appoġġ lill-pajjiżi tal-UE+ b'risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja.



Ritratt: Persunal tal-EUAA fiċ-ċentru ta' akkoljenza ta' Pournara f'Ċipru.

## Għarfien dwar l-ażil




Il-prodotti tagħna se jippermettu teħid ta' deċiżjonijiet rapidi, preċiżi u dejjem aktar konverġenti fil-pajjiżi kollha tal-UE+.

L-**informazzjoni** u l-**għwida** dwar il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini ta' dawk li jfittxu l-ażil se jsiru aktar aċċessibbli, estiżi u promossi biex titrawwem il-konverġenza tad-deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni internazzjonali.

Se nkomplu nwerttu **analizij** kwalitattivi u kwantitattivi dwar l-ażil u l-akkoljenza, rapporti ta' **twissija bikrija** u **sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni** f'ħin reali dwar is-sitwazzjoni, il-proċeduri u l-prattiċi tal-ażil biex nappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Istati Membri. L-aċċess għall-portafoll analitiku tagħna se jkompli jissaħħaħ permezz ta' portali tal-internet u bażijiet tad-*data*.

Se nkomplu niffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-iskambju fost il-prattikanti, is-soċjetà ċivili u l-membri tal-qradi u t-tribunali, billi niffukaw fuq l-aħjar prattiċi u soluzzjonijiet, niżguraw involviment fil-pajjiżi tal-UE+ kollha u ntejbju l-użu tal-għodod tagħna.

L-għanijiet tagħna huma rata konsistentement għolja ta' sodisfazzjon u użu akbar fost l-utenti tal-prodotti kollha ta' għarfien dwar l-ażil.



*Loġika ta' intervent tal-għodod prattiċi u l-gwidi tagħna  
(silita mill-[Evalwazzjoni esterna tal-għodod prattiċi u l-gwida tal-EUAA](#))*

Mill-2024, filwaqt li nibdew bl-ewwel proġett pilota, se nimmonitorjaw l-applikazzjoni tas-[Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil](#) minn Stati Membri individwali. Kull pajjiż se jiġi mmonitorjat mill-inqas darba f'ħames snin. Aħna se nimmarkaw kwalunkwe nuqqas jew tħassib u nirrakkomandaw kif tista' titranġa s-sitwazzjoni.

## Taħriġ u żvilupp professjonali



Biex jiġi żgurat li l-persuni li jaħdmu fil-qasam tal-ażil u l-akkoljenza jifhemu u jkunu jistgħu japplikaw l-obbligi, l-istandards u l-aħjar prattiċi rilevanti, aħna kontinwament insaħħu t-taħriġ u l-bini tal-kapaċitajiet fl-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali.

Se nkomplu nidentifikaw il-ħtiġijiet ta' taħriġ u nimplimentaw pjanijiet ta' taħriġ bħala parti minn pjanijiet operazzjonali ffirmati mal-Istati Membri soġġetti għal pressjoni sproporzjonata. Se nkomplu wkoll inħarrġu uffiċjali u nibnu kapaċitajiet barra mill-Ewropa. Il-ħidma f'pajjiżi terzi sħab hija allinjata mal-[istrateġija ta' kooperazzjoni esterna](#) mġedda tagħna.

Għall-benefiċċju tal-uffiċjali mill-Istati Membri kollha, se nkomplu nikkonsolidaw il-**kurrikulu Ewropew dwar l-ażil** ta' suġġetti ewlenin u ħiliet prattiċi fl-akkoljenza u fl-ażil. Fl-2024 nipprevedu ħdax-il modulu u materjal ta' taħriġ ġodda jew rieżaminati.



L-objettivi tal-[istrateġija ta' taħriġ u taġħlim](#) tagħna għall-2022



Filwaqt li l-moduli jtfasslu f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u għandhom fil-mira l-ħtiġijiet identifikati, l-integrazzjoni tagħhom fi programmi nazzjonali ta' taħriġ tibqa' prijorità.

Se naħdmu biex niżguraw li l-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE+ jagħmlu użu mill-moduli tal-kurrikulu fit-taħriġ tal-uffiċjali nazzjonali.

Għal sensibilizzazzjoni aħjar u sostenibbiltà mtejba tal-intervent ta' taħriġ, se naħdmu biex nespandu l-grupp ta' **ħarrieġa** kwalifikati fl-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Biex jiġi stimulat l-iżvilupp professjonali, aħna se naħdmu fuq l-istabbiliment ta' **Akkademja tal-EUAA** bħala fornitur akkreditat ta' edukazzjoni għolja, li joffri kwalifiki rikonoxxuti fl-UE u lil hinn minnha.



Ritratt: Sessjoni tal-EUAA dwar ħarreġ lill-ħarrieġa, Malta, 2023

Barra minn hekk, se nkomplu ntejbu l-esperjenza ta' taħriġ u taġħlim tal-klijenti tagħna billi nintegraw teknoloġiji mill-aktar avvanzati u approċċi ta' struzzjoni. Dan se jkun iggwidat mill-monitoraġġ tax-xejriet tas-suq u mill-feedback mill-utenti tagħna.

## Attivitajiet orizzontali



L-għoti ta' riżorsi kif xieraq għall-kompiti kollha li aħna fdati bihom jibqa' ta' tħassib ewlieni. Għal dan il-għan aħna nfittxu li niżguraw **użu aktar effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi**. L-enfasi se tkun fuq l-awtomatizzazzjoni mtejba, ir-riallokazzjoni/l-allokazzjoni tal-persunal u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fit-twassil tal-appoġġ fl-Ewropa u lil hinn minnha.

---

**Il-komunikazzjoni** proattiva u l-kontribut għal dibattitu fattwali u kostruttiv dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa jibqgħu prijorità.

Permezz ta' [Forum Konsultattiv](#) imsaħħaħ, se nkomplu ninvolu ruħna mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u atturi oħra fil-qasam tal-ażil u l-akkoljenza.

Ser naħdmu biex niżguraw li l-azzjonijiet kollha tagħna mmirati lejn dawk li jfittxu l-ażil, direttament jew mod ieħor, jirrispettaw bis-sħiħ **id-drittijiet fundamentali tal-bniedem** tagħhom. L-uffiċjal tagħna għad-drittijiet fundamentali li ġie istitwit dan l-aħħar se jivvaluta dan b'mod indipendenti u se jsegwi mal-Istati Membri u internament dwar kwalunkwe ilment riċevut f'dak ir-rigward.